MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 97/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ottavio Suda**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva fuq talba tal-Employment & Training Corporation kontra Ottavio Suda talli fit-18 ta’ Settembru 2006 u qabel din id-data f’Heat Bar & Diner, Valletta Waterfront, Valletta, naqas li javza lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig li haddem mieghu lil Shaun Barbara u Michael Mifsud, u lil Sofia Toneva persuna ta’ nazzjonalita` barranija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Frar 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat ir-Regolamenti 3(a), 4, 7 u

10 ta' l-Avviz Legali 110/93 sabet lill-imsemmi Ottavio Suda hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu in kwantu din hija riferibbli ghal Sofia Toneva u kkundannatu multa ta' elf mija u erbgha u sittin euro (€1164), u ddikjaratu mhux hati u ghalhekk illiberatu minn dik il-parti ta' l-imputazzjoni in kwantu riferibbli ghal Shaun Barbara u Michael Mifsud;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Ottavio Suda pprezentat fil-5 ta' Marzu 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu mhux hati (ghal dik il-parti ta' l-imputazzjoni in kwantu riferibbli ghal Shaun Barbara u Michael Mifsud), u thassarha, tirrevokaha u tannullaha f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu in kwantu riferibbli ghal Sofia Toneva, u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mill-provi jirrizulta li fit-18 ta' Settembru 2006 l-ispetturi tal-ETC marru fil-Heat Bar & Diner fil-Valletta Waterfront fejn intervistaw diversi impjegati li sabu hemm. Paul Vella qal li kellem mara ta' nazzjonalita` barranija li kienet qed tahdem bhala *waitress* izda li kellu diffikulta` biex jikkomunika maghha. Skond dan ix-xhud, din il-persuna kien jisimha Sofia Toneva li mir-*records* ta' l-ETC ma kinitx tirrizulta registrata maghhom. L-appellant cahad li qatt impjega lil xi hadd b'dak l-isem u stqarr li l-persuna ta' nazzjonalita` barranija li kellu tahdem mieghu kienet certa Desislava Stressova. Xehdu wkoll Shaun Barbara u Michael Mifsud li qalu li meta kienu jahdmu fil-post imsemmi kien hemm mara barranija li kienet tahdem hemm u li kienu jsejhulha “Desi”. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan jikkorrobora dak li xehed l-appellant, peress illi “Desi” huwa bla dubju abbrevjazzjoni ta' l-isem “Desislava”.

Fid-dawl ta’ dawn il-provi u anke tal-fatt li Paul Vella stess stqarr li kellu diffikulta` jikkomunika mal-persuna barranija li huwa kellem, din il-Qorti hija tal-fehma li ma jistax jinghad li l-imputazzjoni in kwantu tirrigwarda persuna allegatament bl-isem “Sofia Toneva” giet sodisfacentement pruvata;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjoni dedotta in kwantu tirrigwarda Sofia Toneva u minflok tiddikjarah mhux hati wkoll ta’ dik il-parti ta’ l-imputazzjoni u b’hekk tilliberah minnha u minn kull piena, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------